# FIL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 25 ta' Frar, 2002.**

**Kawza Numru: 4**

**Citaz. Nru. 699/01GV**

Doc. 199-02

**Margaret Bezzina u zewgha Francis Bezzina ghal kull interess illi jista' jkollu**

**-vs-**

**Simon Fenech Ltd**

**Il-Qorti,**

**PRELIMINARI**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha gie premess illi l-atturi huma kredituri tas-socjeta' konvenuta fis-somma ta' erbat elef erba' mija u sitt Liri Maltin (Lm4,406) rappresentanti bilanc ta' *commisions* u *incentive scheme* rigwardanti bejgh ta' *kitchenware* importati minn u proprjeta' tas-socjeta' konvenuta u liema *kitchenware* l-attrici kienet tbiegh fuq inkarigu tas-socjeta' konvenuta.

Premess illi s-socjeta' konvenuta nonostante l-fatt li giet diversi drabi nterpellata thallas naqset.

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet premessi, u dispensat is-smiegh tal-kawza a tenur ta' l-artikolu 167 *et seq* tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u procedura Civili (Kap. 12) u in vista tal-affidavit ta' Margaret Bezzina (Dok. A) l-atturi talbu Iil din il-Qorti:

1. Tigi kkundannata thallas lill-atturi s-somma ta' erbat elef erba' mija u sitt Liri Maltin (Lm4,406) fuq imsemmija;

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali tas-26 ta' Jannar, 2001, ta' l-ittra bonarja tal-5 ta' Marzu, 2001 u tal-mandat ta' sekwestru ta' l-10 t'April, 2001 u bl-imghax legali mill-1 ta' Jannar, 2001 kontra s-socjeta' konvenuta. B'riserva ghal *commisions* ohra li ghadhom mhux dovuti.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-atturi a fol. 3;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta Simon Fenech Ltd. a fol. 11 tal-process fejn eccepiet:

1. Preliminarjament u minghajr pregudizzju, fl-ewwel lok l-irregolarita' tal-procedura bil-giljottina, stante li l-atturi kienu jafu qabel li l-pretenzjoni taghhom hija kkontestata permezz ta' diversi telefonati u laqgha fl-ufficju tas-socjeta' konvenuta li saru sew qabel il-prezentata tac-citazzjoni, u b'dana kollu huma xorta halfu li sa fejn jafu huma ma kienx hemm kontestazzjoni da parti tas-socjeta' konvenuta u illi d-dejn huwa cert likwidu u dovut.

2. Preliminarjament ukoll u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit ma hemmx relazzjoni guridika bejn l-attur Francis Bezzina u s-socjeta' konvenuta u

ghaldaqstant is-socjeta' konvenuta ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju fil-konfront tieghu.

3. Sussidjarjament u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit u fil-mertu, it-talbiet attrici huma nfondati kemm fil-fatt kif ukoll fil-ligi u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez stante li s-somma mitluba mill-atturi m'hijiex dovuta.

4. Illi l-atturi ghandhom jaghtu spjegazzjoni u rendikont dettaljat dwar kif wasslu ghall-figura ta' erbat elef erba' mija u sitt Liri Maltin (Lm4,406) minnhom mitluba.

5. Salvi eccezzjonijiet ohra.

6. Illi s-socjeta' konvenuta m'ghandhiex tbati l-ispejjez.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet lill-Avukati difensuri jittrattaw l-ewwel eccezzjoni:

**ECCEZZJONI**

Il-konvenuti eccepew preliminarjament l-irregolarita' tal-procedura bil-giljottina stante li l-atturi kienu jafu minn qabel li l-pretenzjoni taghhom hija kontestata permezz ta' diversi telefonati u laqgha fl-ufficcju tas-socjeta' konvenuta li saru qabel il-prezentata tac-citazzjoni, u b'dana kollu huma xorta halfu li sa fejn jafu huma ma kienx hemm kontestazzjoni da parti tas-socjeta' konvenuta u li d-dejn huwa cert likwidu u dovut.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Fil-kawzi ta' kompetenza tal-qrati superjuri l-attur jista' jitlob fic-citazzjoni li jigi deciz skond it-talba, bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza u jiddikjara li safejn jaf hu l-konvenut m'ghandux eccezzjonijiet x'jaghti kontra t-talba (art. 167 Kap. 12).

Fil-kazijiet imsemmija fl-artikolu 167, ic-citazzjoni ghandha tkun notifikata lill-konvenut minghajr dewmien; u huwa ghandu jigi mharrek biex jidher mhux aktar kmieni minn hmistax-il jum u mhux aktar tard minn tletin jum minn notifika (Art. 169 Kap. 12).

Meta l-konvenut jirnexxilu jattakka l-procedimenti fuq il-bazi ta' irregolarità, jew inapplikabilità, jew meta jissodisfa lill-qorti li huwa ghandu ecezzjoni *prima facie* biex jopponi t-talba, jew igib fatti jew punti ta' dritt li jitqiesu bhala bizzejjed biex jaghtuh il-jedd li jopponi t-talba jew li jaghmel kontro-talba, jinghata lilu l-permess li jopponi l-azzjoni u li jipprezenta l-eccezzjonijiet tieghu fi zmien ghoxrin jum mid-data ta' l-ordni msemmi fis-subartikolu (4) ta' dan l-artikolu, f'liema kaz il-konvenut ghandu jhares id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 158 sa fejn dan jghodd (Art. 170(2) Kap. 12).

(3) Meta jinghata dan il-permess, il-kawza tigi mismugha u deciza, fuq l-istess atti, fil-kors ordinarju taghha kif stabbilit f'dan il-Kodici.

Tikkunsidra

Mix-xiehda tal-partijiet jirrizulta li l-konvenuti kienu qed jippretendu li l-attrici ghandha tiehu certa somma mentri l-attrici ma qablitx. Kien hemm

komunikazzjoni bejn il-partijiet f'dan is-sens. Ghalhekk meta l-attrici pprezentat ic-citazzjoni bil-procedura tal-giljottina hi ma kienitx gustifikata li tghid fid-dikjarazzjoni taghha, rikjesta mill-artikolu 167 li l-konvenuti m'ghandhomx eccezzjonijiet x'jaghtu kontra t-talba taghha.

Il-Qorti fil-fatt kienet cahdet it-talba ghad-dispensa mit-trattazzjoni u kienet tat lill-konvenuti ghoxrin gurnata zmien biex jipprezentaw l-eccezzjonijiet taghhom kif fil-fatt ghamlu (ara fol. 10 u 11).

Jekk il-konvenuti ghalhekk kienu ntitolati li jaghmlu l-eccezzjonijiet taghhom, allura l-kawza ghandha tinghata l-kors ordinarja taghha (art. 170(3) Kap. 12) u tigi trattata bhal kawzi l-ohra li gew prezentati fl-istess data quddiem l-istess Qorti. Izda jekk il-kawza ma gietx hekk intavolata allura l-prudenza regolatrici tal-introduzzjoni gusta tal-kawzi titlob li l-kawza proposta indebitament mill-attrici bhala wahda specjali ghandha tigi punita u trattata anke wara l-ohrajn ukoll (Ara sentenza App Kum J. Tabone noe J. Mousu 6.7.1993).

Mhux il-kaz li dina l-kawza titqies bhala intempestiva jew li l-konvenuti jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju kif qed jippretendu l-konvenuti fl-eccezzjoni taghhom.

Il-Qorti ghalhekk ser tiddifferixxi l-kawza biex titkompla ghall-ahhar seduta li ghandha li fihom qed tiddifferixxi kawzi l-ohra.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi prevja li tichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti, spejjez ghall-konvenuti, u tiddifferixxi l-kawza ghall-kontinwazzjoni ghall-24 ta' April, 2002.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**Deputat Registratur**